MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 228/2009

**Red October Limited (C-21883)**
**vs**
**Michael Camilleri (K.I. 444636M)**
**personalment u ghan-nom u in rappresentanza ta' Firm Camilleri Bros**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' mitejn u erbatax-il-ewro u disgha u erbghin ewro centezmi (€214.49) rapprezentanti interessi fuq prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u /jew impjegati tieghu, liema merkanzija giet mhallsa tardivament;

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal- mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut pro et nomine fejn ecceppixxa li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante pagament tas-somma kapitali rilevanti ghas-saldu u dan kif debitament accettat mill-istess socjeta' attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema x-xhieda ta' Chris Caruana Turner, Michael Camilleri, Mark Camilleri u Johann Baldacchino Romano.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:-**
Illi din il-kawza titratta dwar ammont allegatament dovut mill-konvenut *pro et nomine* konsistenti f'interessi li akkumulaw minhabba hlas tardiv fuq merkanzija ikkunsinjata lill-konvenut *pro et noe*. Illi mill-provi jirrizulta li l-kapital thallas wara hdax-il xahar. Mas-saldu tad-debitu s-socjeta' attrici sarrfet ic-cekk u bdiet tinsisti li jithallsu l-interessi minhabba hlas tardiv. Illi jirrizulta li kien hemm zewg hlasijiet wahda permezz ta' cekk maghmul lis-socjeta' attrici ghall-habta ta' nofs Novembru, 2008 u saldu ta' debitu tramite *internet banking* lil socjeta' terza. Il-hlas permezz ta' *internet banking* ta' €272.66 kien sar fit-12 ta' Dicembru, 2008 izda ma jistax ikun mertu ta' din il-kawza peress illi l-*invoice* ma kienetx mahruga mis-socjeta' attrici izda minn socjeta' terza kif ukoll huwa konfermat mid-dokumenti ezebiti in atti.

It-Tribunal jirrilleva li fil-*customer transaction history* appartenenti lis-socjeta' attrici jirrizulta li fid-19 ta' Novembru, 2008 fil-kont ta' Camilleri Bros ma kienx ghad fadal bilanc. Illi dan id-dokument gie stampat circa l-5 ta' Gunju, 2009 u cioe' tlett xhur wara li gie prezentat l-avviz u ma jirrizultax illi l-imghaxijiet kienu qieghdin jidhru bhala debitu. Illi dejjem minn dan id-dokument CT1, a fol. 23, jirizulta li hemm kont maghluq u ma jidhirx illi kienu qed jintalbu l-interessi ukoll.

Illi huwa minnu li f'kull fattura mibghuta lill-klijenti, hemm stampat illi s-socjeta' attrici tirriserva d-dritt li timponi hlas ta' tmienja fil-mija (8%) interessi fuq bilanci pendenti. Illi l-istess kliem huma riprodotti f'kull *statement* li s-socjeta' attrici tibghat kull xahar lill-klijenti. Illi rrizulta li kien hemm kont pendenti mill-21 ta' Dicembru, 2007 u sat- 23 ta' Ottubru, 2008 l-*istatement* kien juri il-bilanc kapitali biss. Illi l-ewwel darba li kienu ssemmew interessi kien fit-28 ta' Ottubru, 2008 permezz ta' *e-mail* mibghuta mis-socjeta' attrici lil konvenut li qatt ma giet konfermata minn naha tal-konvenut *pro et noe*.

Illi kif diga' nghad rrizulta wkoll illi kien hemm zewg bilanci ta' prodotti mibjugha minn zewg socjetajiet differenti lill-konvenut. Illi l-bilanc ta' €2232.82 kien dovut lis-socjeta' attric filwaqt illi l-ammont ta' €272.66 kien dovut lil socjeta' terza izda mhux lis-socjeta' attrici fil-21 ta' Jannar, 2008 u ghalhekk qatt ma seta' jirizulta fl-*istatement* tas-socjeta' attrici. It-Tribunal jirrilleva li l-hlas tal-bilanc dovut lis-socjeta' attrici fis-somma ta €2232.82 gie saldat permezz ta' cekk mahrug mill- Banif Bank numru 13069 ghal habta ta' nofs Novembru, 2008 liema hlas gie accettat u msarraf mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal jirrilleva li wara li sar il-hlas ta' €2232.82, is-socjeta' attrici talbet l-interessi fuq il-kapital li kien thallas. Mill-provi ma jirrizultax illi s-socjeta' attrici interpellat formalment lill-konvenut sabiex ihallas kemm il-bilanc u kemm l-interessi w mkien ma jirrizulta li l-konvenut *pro et nomine* qatt accetta li jhallas interessi. It-Trbunal jirrilleva li l-*e-mails* tas-7 ta' Dicembru, 2008 jirriferu ghal bilanc ta' €272.66 li ma kienx dovut lis-socjeta' attrici izda lil socjeta' terza hekk imsejjha CSI Co.

Illi wara li sema' u evalwa l-provi kolha migjuba quddiemu, t-Tribunal ma jidhirlux illi s-socjeta' attrici qatt tat lill-konvenut hjiel illi kienet ha tezercita d-dritt li ticcargja l-interessi hlief permezz ta' *e-mail* fid-19 ta' Novembru, 2008 u qabilha fit-28 ta' Ottubru, 2008 meta ndikat illi l-konvenut *pro et nomine* kellu jimla' formola ta hlas fejn kienu jidhru l-interessi. Izda minkejja din l-*email* s-socjeta'

attrici sarrfet cekk mahruga fis-somma tal-bilanc li kien ghadu dovut.

Illi skont ix-xhieda ta' Christopher Caruana Turner intqal li huwa kellu *e-mails* fejn il-konvenut kien qieghed jaccetta li jhallas il-bilanc u l-interessi, izda dawn l-*e-mails* fejn il-konvenut qieghed jaccetta li jhallas l-interessi ma jirrizultawx. Illi mill-provi ma jirrizultax b'mod car u inekwivoku li kien hemm ammissjoni ta' debitu oltre il-kapital minn naha tal-konvenut *pro et nomine*. Illi l-unika prova ezebita f'dan ir-rigward kienet *e-mail* mill-konvenut fil-31 ta' Ottibru, 2008 li semmiet illi Michael Camilleri kien ha jzur is-socjeta' attrici sabiex jsalda l-kont tieghu mas-socjeta' attrici. Illi mid-dokumenti ezebiti in atti il-kont tal-konvenut kien jindika biss il-bilanc ta' €2232.82 minghajr interessi u ma jirrizultax minn ebda dokument li kien jintbghat lill-konvenut *pro et nomine* li mal-bilanc kellu jhallas somma raprezentanti interessi li semmaj kellhom jkunu inkluzi ma kull kont li ntbaghtlu.

Illi l-konvenut *pro et nomine* u ibnu qatt ma accettaw li jhallsu interessi u li in oltre s-socjeta' attrici qatt ma kienet insistiet mieghu ghal hlas ta' interessi u qatt ma ffirma ebda dokument li kellu jhallas interessi. It-Tribunal sema' kemm lill-konvenut u kemm lil ibnu jixhdu li s-socjeta' attrici qatt ma kienet issemmilhom interessi u t-Tribunal m'ghandux ghalfejn ma jemminx l-verzjoni taghhom.

Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal jikkonkludi li s-socjeta' attrici qatt ma tat hjiel lill- konvenut *pro et nominee* tul ix-xhur li l-bilanc kien ghadu pendenti li kienet ha tezercita d-dritt li ticcargja interessi, li ma jirrizultax illi qatt interpellat formalment lill-konvenut *pro et nomine* sabiex ihallas il-bilanc kif ukoll l-interessi, li ma kien hemm ebda ftehim minn naha tal-konveut *pro et nomine* li jhallas l-interessi u li meta ssarraf ic-cekk tal-bilanc dovut dan gie hallas ghas-saldu tal-kont li kellu mas-socjeta' attrici. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz m'ghandux raguni ghalfejn ma jemminx il-verzjoni tal-konvenut *pro et nomine*.

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li s-socjeta' attrici naqset milli tipprova dan il-kaz u ghaldaqstant jichad t-talba attrici.

Bl-ispejjez sopportati mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------